Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,075, 27 ta' Ġunju, 2023
Taqsima B

A.L. 138 tal-2023

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2023 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi.

Tħassir u riżervi. L.S. 439.13.

2. Ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.